# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 4.9

**Kapitlu 4: Ejja inkunu ħbieb tajbin!**

**Lezzjoni 4.9: San Martin.**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jisimgħu l-istorja ta' San Martin.
2. Jifhmu li jġibu ferħ meta jagħtu minn dak li għandhom lil min hu fil-bżonn.
3. Jirrealizzaw li mhix ħaġa ħafifa jaqsmu ma' min ma jafuhx jew mhux qrib tagħhom.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Starboard presentation: San Martin
- Preżentazzjoni mill-Youtube dwar St Martin
- Karta ta' Tahrig 4.6 ( l-ewwel parti paġna 43)

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Għid l-istorja ta' San Martin ta' Tours bil-għajnuna tal-iStarboard Presentation.

Martin kien jgħix ħafna u ħafna żmien ilu. Hu kien suldat żagħżugħ fi żmien ir-Rumani. Darba waħda kien ħafna bard u ksieħ. Kien nieżel is-silġ u jonfoħ ir-riħ. Martinu kien dieħel fil-belt riekeb fuq żiemel. F'bieb il-belt jara raġel fqir ħafna. Tant kien fqir li ma kellux ħwejjeġ x'jilbes u ikel x'jiekol. Martin tħassru ħafna, imma ma kellux ikel x'jagħtih. Imma x'ħin rah jitriegħed bil-bard, Martin neża' l-mantell u qabad ix-xabla. Qasam il-mantell min-nofs u ta biċċa minnu lill-fqir. Issa dak ir-raġel fqir ma baqax iħoss il-bard. Dakinhar billejl, x'ħin Martin kien rieqed, ħolom li Ġesu' kien liebes nofs il-mantell tiegħu. Ġesu' qal lill-anġli: Dan Martin is-suldat li llum tani x'nilbes.

- Stieden lit-tfal , biex jekk hu possibbli jirreċtawha quddiem sħabhom. Involvi persunaġġi kemm tista', eż: Martin, 2 suldati, tallab, Ġesù , 2 anġli. Minflok mantell, l-għalliema tista' tuża xi biċċa karta kkulurita biex tiċċarrat min-nofs.



## Nisimgħu flimkien (Il-Pjan tal-lezzjoni)

- Staqsi : Kif nistgħu ngħinu u nsellfu aħna wkoll? Ngħinu u nsellfu kif għamel San Martin.
- Uri stampi fuq l-Istarboard ta' nies illi għandhom bżonn xi ħaġa jew xi għajnuna. Ma' dawn l-istampi tan-nies hemm ukoll stampi oħrajn ta' affarijiet jew għajnuniet li għandhom bżonn.eż. raġel anzjan bil-wieqfa f'*waiting room* u stampa ta' tifla qed iċċedi postha lill-anzjana; tifel marid fl-isptar waħdu u stampa ta' xi tfal qed iżuru ħabiba fl-isptar.
- Għen lill-istudenti josservaw sew x'għandhom bżonn dawn in-nies u jagħżlu minn fost l-istampi dik l-għajnuna li jeħtieġu.Li kieku huma kienu f'dik is-sitwazzjoni, kif kienu jgħinu? Bħala għajnuna lill-istudenti, l-istampi huma mqabblin bil-lest permezz ta' maze. L-għalliema tiddiskuti mat-tfal waqt il-logħba:

a) janalizzaw sew il-problema ta' kull persuna.

b) jipruvaw isolvu l-problema billi jagħżlu liema għajnuna taqbel.

ċ) jiddiskutu liema imġieba ma tgħinx lil min hu fil-bżonn(eż twarrab, tidħak b'da taghtix każ eċċ).



- Agħlaq il-lezzjoni billi tistieden lil xi tfal biex jagħżlu xi sitwazzjoni minn dawk li jkunu għadhom li raw jew xi oħra differenti li tiġihom ġo moħħhom. It-tfal jagħmlu ta' bir-ruħhom li huma dawk in-nies f'dik is-sitwazzjoni u jagħmlu *role play* ċkejken quddiem sħabhom. Wara kull *role play*, l-għalliema tfakkar lit-tfal illi kull meta ngħinu, nsellfu jew naqsmu ma' min għandu problema inkunu qegħdin nferrħu lil Ġesù.
- Għen lit-tfal ikantaw l-għanja tradizzjonali popolari:

  **Ġewż, lewż, qastan tin.**

  **Kemm inħobbu lil San Martin.**

- Uri l-preżentazzjoni dwar San Martin.
- Agħlaq il-lezzjoni billi tgħin lit-tfal ikompli l-Karta ta' Taħriġ 4.6 (paġna 44 ) fuq bazi ta' klassi jiddeciedu kif ser jingħaqdu l-istampi. Wara jpingu l-istampa kollha.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. L-Istorja ta' San Martin
2. Aħna wkoll nistgħu nkunu bħal San Martin meta ngħinu, naqsmu mal-oħrajn jew insellfu lil dawk ta' madwarna.
3. Hekk kif Ġesù kien ferħan meta San Martin għen lil dak ir-raġel fqir, Hu jkun ferħan bina wkoll meta aħna ngħinu lil xulxin.
4. Aħna differenti mill-bqija tad-dinja għax jgħixu differenti minna.
5. Alla hu Missier kulħadd u jħobb lil kulħadd.
6. Biex fid-dinja ma jkuns hawn ġlied, irridu naħdmu biex inkunu ħbieb.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Il-faqar vera ikrah! Napprezzaw dak li għandna u ngħinu u nitolbu għal min jonqsu xi ħaġa.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

**Presentation bl-Ingliż dwar San Martin:**

[http://www.slideboom.com/presentations/529797/St.Martin-LegendMartin](http://www.slideboom.com/presentations/529797/St.Martin-LegendMartin)



**Nitolbu**

Grazzi Mulej tal-affarijiet sbieħ li tajtna. Agħmel li aħna dejjem inkunu qalbna tajba u nuru ħniena ma' min għandu bżonn.

